# QUDDIEM IL-MADONNA TAL-KORIN

*Ta'* P. Val. V. Barbara, O.P.

X'jimporta 'kk mintix għaġeb ta' pittura!
Hawnhekk f'riġlejk tinħass saltna ta' sliem
Li taf il-ġenna, u minn għajnejk miksura
Donnha tissawwab ħniena mingħajr tmiem.
F'sura ta' warda f'fommok tfeġġ tbissima
Li tberred l-eqqel xrar tad-deh'n u l-qalb,
U trażżan lejk fi rbit ta' mħabba u qima
Qawwet ir-ruħ hekk kif tistrieħ fit-talb.
Ħsiebi jintrafa', u bħal itir madwarek.
U ninsa ferħ u dwejjaq, saħħa u mard;
Jiskot kull ħoss, u mxennaq biss għal darek
L-ispirtu tiegħi jogħxa 'l fuq mill-art.
U nħossni qribek f'dan is-skiet divin,
Madonna ħelwa tagħna tal-Korin.